MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 665/2011

**Go Plc**
**C 22334**

**Vs**

**Camilleri Liza May**
**ID 594685M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Awwissu 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet illi konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija sitta u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€686.14) in konnessjoni ma' diversi servizzi (*A/C40140226).*

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda baqghet inadempjenti u ghalhekk

kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal- konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-4 ta’ Mejju, 2012 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta fl-4 ta’ Mejju, 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija sitta u tmenin Ewro u erbatax-il centezmu (€686.14).

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------